MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 456/1985/1

Citazzjoni Nru.  456 / 85NC

Kawza fil-lista:  45

**Dr.Edward Woods LL.D ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited, u dina bhala prokuratrici specjali tal-underwriters li permezz tad-ditta Mediterranean Insurance Brokers Limited, Malta, assikurat merkanzija importata mid-ditta Caruana Cold Storage & Importers Ltd., li waslet Malta fuq il-vapur “Malta Express” fit-13 ta’ April 1984**

**Vs**

**John J.Borg u Frank X.Grima ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Sea Malta Company Limited bhala armaturi tal-vapur Malta Express, u b’ zewg digrieti tas-16 ta’ Mejju 1986  John J.Borg gie sostitwit bl-Avukat Dottor Philip Sciberras ghan-nom u in rapprezentanza tas-Sea Malta Company Limited, u il-kliem “Malta Express” gew sostitwiti bil-kelma**

**"Qormi" kull fejn jirrikorri[1]; u b' digriet tat-13 ta' Frar 1989 Joseph Curmi assuma l-atti ta' din il-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socejta' Sea Malta Company Limited fil-kwalita'tieghu ta' General Manager taghha minflok l-Avukat Dottor Philip Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Billi d-ditta Caruana Cold Storage & Importers Ltd. importat gewwa Malta mija, tnejn u sittin (162) cartons salumi vari mill-Italja fuq il-vapur "MALTA EXPRESS" kif jirrizulta mis-CMR note numru 1 hawn esebita bhala Dok. A.

U billi meta l-vapur gie skarikat Malta u l-merkanzija kkonsenjata lill-importatur instab illi din il-merkanzija kienet iddeterjorat u giet kontaminata billi ma gietx konservata tajjeb fiz-zmien li kienet qieghda tigi trasportata. (Dok. B)

U billi ghal dan in-nuqqas id-ditta Mediterranean Insurance Brokers Ltd. hallset, fl-interessi tal-Underwriters, is-somma ta' elfejn, mija u hamsa u sittin lira Maltija u disa u ghoxrin centezmu (Lm2165.29) u ghalhekk dawn l-Underwriters rapprezentati Londra mid-ditta Hogg Robinson and Gardner Mountain Ltd., surrogati fid-drittijiet tal-importatur (Dok. C);

U billi l-istess Underwriters appuntaw lid-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited sabiex tagixxi ghaliha bhala 'recovery agents';

U billi l-konvenuti nomine huma responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

[1] Fols.36 u 39

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti nomine ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjarahom responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-ditta Caruana Cold Storage & Importers Limited;

2. tikkundannhom ihallsu lill-atturi nomine is-somma ta' Lm2165.29 bl-interessi skond il-ligi in linea ta' danni sofferti mill-assikurat u li ssuroga d-drittijiet tieghu kif intqal.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepixxa illi huma ma humiex armaturi tal-vapur "Malta Express" u ma ghandhom xejn x'jaqsmu ma' dan il-vapur. Ghalhekk in kwantu diretta kontra taghhom it-talba attrici hi insostenibbli.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine li biha eccepixxa illi l-azzjoni attrici hi perenta di fronte ghall-eccipjenti a tenur tal-klawsola 3[6] tal-Hague Rules [1924];

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat n-nomina tal-perit legali u d-dikjarazzjoni tieghu fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2000 li biha ddikjara li ma sabx l-ebda inkartament fil-pussess tieghu;[2]

Rat id-dikjarazzjoni konsegwenzjali maghmula mill-attur fl-udjenza tat-12 ta' April 2005 fejn iddikjara li ghalaq il-provi. L-attur kien ippreparat jistrih fuq l-atti kif inhuma;[3]

Rat l-oggezzjoni da parti ghat-talba ta' differiment maghmula mill-konvenut fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2005 – oppozizzjoni maghmula "mill-attur anke peress li x-xhieda

---

[2] Fol.114
[3] Fol.141 u verbal a fol.142

li ngabret tul is-snin ma tinsabx fil-process u l-attur qed jistrih fuq il-provi dokumentarji.”[4]

Rat id-digriet konsegwenzjali ta’ din il-Qorti mghoti fl-istess udjenza li jaqra hekk: “Il-Qorti in vista tal-fatt li l-kaz jirrisali ghas-sena 1985, u li l-kaz ghall-lum kien differit ghal provi tal-konvenut, u nvista tal-opposizzjoni ta’ l-attur, tichad it-talba ghal differiment [mitlub mill-konvenut] u tiddikjara l-istadju tal-provi mghaluq.”[5] u differiet il-kawza ghas-sentenza ghad-data tal-lum;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-10 ta’ Dicembru 2004 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti;[6]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fit-13 ta’ April 1984 wasal Malta il-vapur “Malta Express” li kien qieghed jittrasporta, fost affarijiet ohra, merkanzija ghas-socjeta’ Caruana Cold Storage & Importers Ltd. li minn naha taghha ghamlet claim[7] fl-ammont ta’ LM2,165.29 mas-socejta’ assikuratrici Mediterranea Insurance Brokers Ltd minhabba li l-merkanzija kkonsenjata lilha kienet iddeterjorat u giet ikkontaminata skond survey rapport[8] maghmul minnha u anness mal-att tac-citazzjoni. Din il-claim giet sodisfatta mis-socjeta’ assikuratrici u giet rilaxxjata mill-assikurat s-surroga relattiva.[9]

Illi t-tezi ta’ l-attur, kkonfermata minnu bil-gurament fid-dikajrazzjoni tieghu, hija fis-sens li l-merkanzija *de quo* instabet deterjorata u giet kontaminata peress li ma kienitx giet konservata tajjeb fiz-zmien li kienet qeghda tigi trasportata u dana in bazi ghas-survey report maghmul mill-istess socjeta’ attrici.

---

[4] Fol.142
[5] Ibid.
[6] Fol.132 *et seq.*
[7] Dok.D – fol.15
[8] Dok.B – fol.5 *et seq.*
[9] DokC- fol.14

Illi l-eccezzjoni originali tal-konvenut hija fis-sens li s-Sea Malta Company Limited la hi l-armatrici u lanqas operatrici tal-vapur “Malta Express” u ghalhekk it-talba attrici hija nsostenibbli. Dan il-fatt allegat mis-socjeta’ konvenuta gie konfermat bil-gurament minn John J. Borg.

Illi dan il-fatt *ut sic* ma jidhirx li gie kontestat mill-attur nomine li, minflok, rreagixxa ghal din l-eccezzjoni bil-prezentata ta’ rikors fejn, wara li ppremetta li l-isem tal-bastiment fl-okkju tal-kawza gie erroneament indikat bhala “Malta Express” meta fil-fatt kellu jitnizzel bhala “Qormi” talab u ottjena korrezzjoni “fl-atti tac-citazzjoni fuq indikata fis-sens li l-kelmiet “Malta Express” jigu sostitwiti bil-kelma “Qormi”[10] In segwitu sar id-debitu aggustament fl-okkju tal-kawza.

Illi l-Qorti tosserva li mill-ezami tad-dokumenti, u anke mill-korp tac-citazzjoni, jirrizulta car li l-merkanzija kienet giet trasportata fuq il-vapur “Malta Express”. Imkien ma jissemma l-vapur “Qormi” hlief fis-survey report kif ser jigi spjegat aktar il-quddiem.

Illi d-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti li s-socjeta’ Sea Malta Company Limited la hi l-armatrici u lanqas l-operatrici tal-vapur “Malta Express” ma gietx la kontestata u lanqas kontradetta mill-attur nomine, anzi dan talab korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taccetta bhala pruvat sodisfacentement dak dikjarat bil-gurament mill-ufficjal tas-Sea Malta in kwantu ghal dan il-vapur “Malta Express”.

Huwa palezi li d-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-atti skritti tal-kawza, hi fiha nnifsiha element ta’ prova li ghandha valur probatorju bhala kull affidavit moghti fil-proceduri. B’ mod li jekk din ma tigix kontradetta tassuma valur probatorju fi grad qawwija.

[10] Fol.36

Minn naha tieghu l-attur nomine fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 1996 ivverbalizza li huwa kien ser jipprezenta rikors ghal korrezzjoni fl-okkju, stante li "kien sar transhipment tal-merkanzija meritu ta' din il-kawza fil-port ta' Reggio Calabria minn fuq il-vapur "Qormi" ghal fuq il-vapur "Malta Express" minhabba xi incident li gara fuq il-"Qormi"[11]. Il-Qorti tosserva li din id-dikjarazzjoni tal-attur, ghajr ghal kontenut tas-survey report, ma ssibx sostenn fil-provi. Fi kliem iehor ma jezistu ebda provi li jikkonfermaw din id-dikjarazzjoni, mhux guramentata.

Illi rigward is-survey report maghmul minn naha tas-socjeta' attrici, il-Qorti tosserva:

[1] Illi dan id-dokumenti li l-awtur tieghu mhux identifikat, ma giex konfermat bil-gurament mill-awtur tieghu, u ghalhekk partikolarment f' certu aspetti tieghu ghandu valur probatorju negligibbli. Huwa minnu li l-parti relattiva ghall-kostatazzjoni tad-danni hija sa certu punt[12] suffrogata mid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, izda hemm partijiet ohra li ma humiex menzjonati f' din id-dikjarrazzjoni u allura, in mankanza ta' provi ulterjuri, il-valur probatorju ta' dan id-dokument fir-rigward ta' dawn il-partijiet huwa negligibbli jekk mhux addirittura mankanti.

Wahda minn dawn il-partijiet jikkoncerna proprju l-aspett li jirrigwarda l-allegazzjoni attrici li kien sar transhipment mill-vapur "Qormi" ghal fuq il-vapur "Malta Express" fil-para. 5 tar-rapport. Skond din il-parti tar-rapport il-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur "Qormi" li kellu jitlaq fid-9 ta' April 1984. "However because of an alleged incident that occurred on board the vessel, the trailer was consequently unloaded. It was reloaded on the "Malta Express" on the 13th April arriving in Malta on the same day". Il-merkanzija giet rilaxxjata fit-18 ta' April 1984.

Il-Qorti tosserva li dawn ic-cirkostanzi li ghandhom relavanza qawwija ghas-sejbien tar-responsabblitita' da parti tas-socjeta' Sea Malta, ma humiex sostnuti la mid-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u lanqas minn provi

---

[11] Fol.22
[12] Jigi osservat li l-attur ma ddikjarax liema mill-fatt dikjarati jaf di xjenza propria

ohra, u ghalhekk ghandu jirrizulta car li din il-Qorti ma tistax tistrih fuq allegazzjoni mhux guramentata jew sostnuta mill-provi. Inoltre, jigi osservat li ma tezisti ebda prova li l-konvenuta hija fil-fatt l-armatrici tal-vapur "Qormi". Huwa minnu li jinsab ritenut[13] li s-survey report ghandu jinghata certu valur probatorju anke jekk maghamul minn surveyors inkarigati minn parti wahda biss, stante li dawn jibqghu dejjem persuni kwalifikati ta' certa indipendenza, *multo magis* meta l-*quantum* tad-danni ikun ragjonevoli; izda dan ghandu jkun hekk, biss ghas-survey ut sic, u cioe' il-kostatazzjoni tad-danni, u mhux ukoll ghal dawk ic-cirkostanzi ta' fatt determinanti r-responsabbilita' bejn il-partijiet.

*Onus probandi ei qui dicit non ei qui negat*. Huwa l-oneru ta' l-attur li jipprova l-fatti minnu allegati b' mod sodisfacenti u l-konvenut ma hu tenut jipprova xejn hlief dak minnu allegat. Ghalhekk anke fl-assenza ta' provi da parti tal-konvenut, huwa d-dmir ta' l-attur li jipprova l-kaz tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta, ma jisibux sostenn sodisfacenti fil-provi, u ghalhekk ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjes a kariku tal-attur nomine, hlief dawk relattivi ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta [fol.40] u s-sentenza preliminari li ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] *App.S. Moira Galea vs Michael Zerafa [2000] Vol.LXXXIV.II.1247*